**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru 2001**

Citazzjoni numru 23/1985

Maria (xebba) Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza ta' huha l-imsiefer Luigi Mizzi in forza ta' prokura generali hawn esebita u markata Dok A

-vs-

Martinu Debrincat

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici nomine ppremettiet:

"illi {f'isem huha Luigi Mizzi} kienet xtrat ir-raba imsejjah "ta' Ghorok" (recte Ghonok) fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex konsistenti f'zewg bicciet, wahda tal-kejl ta' siegh u tmien kejliet pari ghal tliet mija u sebgha u tletin metru kwadru (337m.k.) b'li fiha, tmiss tramuntana ma' beni ta' Giuseppe Piscopo, punent ma' beni ta' Lorenzo Mizzi u lvant ma' beni ta' l-istess Michaelangelo Mizzi, libera u franka, godenti d-dritt ta' passagg minn fuq il-beni ta' l-eredi ta' Lorenzo Mizzi u soggetta ghal dritt ta' passagg favur il-beni ta' ohrajn u l-ohra tal-kejl superficjali ta' cirka zewg sighan, pari ghall-bejn wiehed u iehor ghal tliet mija u hamsa u sebghin metru kwadru (375m.k.) u konfinanti mill-punent ma' beni ta' MichaelAngelo Mizzi, Lvant ma' beni ta' Giuseppe Cassar u nofsinhar ma' passagg, libera u franka bil-bir ezistenti go fiha, godenti u soggetta ghad-dritt ta' passagg minn fuq beni ta' ohrajn, bid-drittijiet u l-konsistenzi taghha kollha, u

dana permezz ta’ att ta’ bejgh li kien sar ghand in-Nutar Dottor John Busuttil tal-hdax (11) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u disgha u hamsin (1959) dok “B”.

Illi dan l-ahhar il-konvenut akkwista bicca art adjacenti u minghajr il-kunsens ta’ l-attrici nomine qabad u bena hajt divizorju li jisporgi sew fuq ir-raba ta’ l-attrici u b’hekk jigi li l-konvenut usurpa bicca raba’ konsiderevoli mill-art ta’ l-attrici nomine.

Illi l-attrici kemm-il darba interpellat lill-konvenut sabiex ma jibnix il-hajt kif kien qed jipproponi li jibnih.

Talbet ghaliex m’ghandux jigi:

1. Stabbilit il-konfini veru u reali li jifred il-proprjeta’ tal-konvenut minn dik ta’ l-attrici fuq deskritta.

2. Tiddikjara jekk hemm bzonn, illi l-konvenut usurpa parti mill-fond ta’ l-attrici nomine fuq deskritt.

3. Tordna lill-konvenut inehhi u jirrimwovi l-istess hajt li huwa bena kif ukoll kwalunkwe kostruzzjoni ohra li ghamel fil-proprjeta’ ta’ l-attrici nomine fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss.

4. Fin-nuqqas tigi l-istess attrici awtorizzata taghmel dan ghas-spejjez tal-konvenut b’opera ta’ perit nominand.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-sebgha ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u erbgha u tmenin (1984) kollha kontra l-konvenut, li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici nomine, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici nomine.

2. Illi dwar l-ewwel domanda ta’ l-attrici jinghad illi l-konfini veri u reali bejn il-proprjeta’ tal-kontendenti hu diga’ stabbilit u dan bil-kunsens u approvazzjoni taz-zewg partijiet u ghalhekk din id-domanda ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kontra l-attrici.

3. Illi oltre milli jsurpa parti mill-proprjeta’ tal-attrici l-attur cioe’ l-konvenut ghandu parti mill-proprjeta’ tieghu nieqsa u dan ghaliex mentri fil-fatt hu xtara tnax-il kejla raba, hu fil-fatt ghandu ferm anqas minn tanx-il kejla raba.

4. Illi gialadarba il-hajt, jekk jista’ jissejjah hajt li bena l-konvenut, bl-ebda mod ma usurpa l-proprjeta’ ta’ l-attrici ma hemm ebda raguni ghalfejn il-konvenut ghandu jigi kundannat inehhi u jirrimwovi l-istess hajt, jew ghalfejn l-attrici ghandha tkun awtorizzata taghmel dan hi a spejjez tal-konvenut.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu inkluz il-lista tax-xhieda hemm akkluza;

Rat l-atti kollha;

Rat il-verbal taghha tad-19 ta’ April 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza bdiet cirka hmistax-il sena ilu u fil-kors taghha gew ordnati kemm perizja teknika, kemm perizja legali u kemm perizja perizjuri. Fl-ewwel perizja (folio 35) ossija dik teknika, f’liema kien gie nominat l-Perit Arkitett Teddie Busuttil, kienu ttiehdu l-mizurazzjonijiet opportuni u redatti l-pjanti (esebiti folio 39, 40 u 41) u kien gie stabbilit “li l-konvenut kellu l-arja li ghandu mnizzla fil-kuntratt ta’ l-akkwist filwaqt li l-attrici ghandha kejl anqas minn dak imnizzel fil-kuntratt taghha ezattament ghandha mija u sitta u hamsin punt wiehed metri kwadri (156.1mk)” (paragrafu sebgha tar-relazzjoni). L-istess perit tekniku nominat, fl-istess relazzjoni (paragrafu 8), stqarr li “fid-9 ta’ Gunju {presumibilment tas-sena 1987} saret seduta fl-ufficcju {tieghu} sabiex flimkien mal-partijiet jara x’jista’jsir izda minn din is-seduta sal-gurnata tal-lum ma kien hemm ebda proposta kif tista’ {tirrisolvi} din il-kwestjoni gialadarba l-konvenut m’ghandux kejl iktar milli suppost ghandu mill-kuntratt ta' “l-akkwist” u dana nonostante li precedentement u precizament mill-verbal ta’ l-access mizmum fit-30 ta’ April 1986 (folio 37) il-partijiet kienu qablu li l-perit tekniku “ghandu ikejjel il-fond ta’ l-attrici, il-fond tal-konvenut u dak li jmiss mal-fond tal-konvenut imiss min-naha tal-lvant {u} wara li jsib il-kejl globali ghandu jirredigi pjanta li a bazi taghha kull parti ghandha tieghu kejl a proporzjon tal-kejl li ghandha fuq il-kuntratt ta’ l-akkwist”.

Illi dana kjarament ma sehhx u l-kawza tkompliet tant illi fil-25 ta’ Marzu 1988 gie nominat l-Avukat (illum Magistrat) Paul Coppini qua perit legali biex jassisti lill-perit tekniku (folio 40). Eventwalment fuq ir-relazzjoni ta’ l-Avukat Paul Coppini (esebita folio 61 et seq) fuq talba ta’ l-attrici gew nominati periti perizjuri

fil-persuni ta' l-Avukati Grazio Mercieca, Michael Caruana u Philip Bianchi (folio 80) liema l-ahhar relazzjoni tinsab esebita folio 111 et seq.

Illi b'referenza ghall-ahhar zewg relazzjonijiet il-konkluzzjoni raggunta kienet favur il-konvenut u l-Qorti wara li ezaminat b'attenzjoni dawn ir-relazzjonijiet u kkunsidrat il-punti ta' fatt u ta' ligi - dawn ta' l-ahhar spjegati ezawrjentement fil-perizja perizjuri - tikkondividi pjenament il-konkluzzjonijiet hemm raggunti li qeghdha taddottahom u taghmilhom taghha fl-intier taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi b'rikors ipprezentat fil-21 ta' April 1999 (folio 132) il-konvenut kien talab lill-Qorti kif allura preseduta li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jigu regolarizzati l-atti stante l-mewt ta' Maria Mizzi, il-mandatarja ta' l-attur Lugi Mizzi u wkoll il-prezunta mewt ta' dan ta' l-ahhar. In ottemperanza tad-digriet ta' dik il-Qorti il-konvenut esebixxa certifikat tal-mewt ta' Maria Mizzi (folio 139) u ddikjara f'rikors sussegwenti (folio 138) "illi jaf illi Luigi Mizzi miet l-Awstralja izda ma ghandux mezz biex igib certifikat tal-mewt tieghu" u talab "it-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq isem il-mejjet Luigi Mizzi ghal fuq isem kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-wirt gjacenti tieghu u ghal dan il-ghan tordna n-notifika ta' dan ir-rikors lil Maria Portelli illi tigi neputija ta' Maria Mizzi, il-mandatarja originali ta' Luigi Mizzi….."

Illi jirrizulta li l-imsemmija Portelli giet notifikata izda ma assumietx l-atti li baqghu mhux legittimati.

Illi dan jimporta li din il-Qorti, kif hi sejra fil-fatt taghmel tramite din is-sentenza, tirregolarizza l-atti billi anke tiddisponi minn dan in-nuqqas. Qeghdha ghaldaqstant tordna u tiddeciedi li taderixxi ghat-talba tal-konvenut kif formulata fir-rikors tieghu tal-20 ta' Settembru 2000 fis-sens li tinnomina qua kuratur deputat lill-Avukat li jmissu t-turn skond il-lista ta' deputati kuraturi u cioe' lill-Avukat Dottor Chirs Said sabiex jirrapprezenta lill-wirt gjacenti ta' Luigi Mizzi f'kull eventwalita' li dan jinsab illum mejjet u tordna li l-atti jigu trasfuzi f'isem l-imsemmi Luigi Mizzi jew l-imsemmi Avukat Dottor Chris Said bhala deputat kuratur tal-wirt gjacenti ta' l-imsemmi Luigi Mizzi f'kaz li dan miet.

Illi f'dan l-istadju tghaddi sabiex tiddeciedi l-mertu tal-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur